MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 906/2000/1

**Joseph u Maria konjugi Deguara**

**Vs**

**Noel Deguara**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi l-atturi pprestaw servigi u servizzi u ghamlu diversi xoghlijiet ghal u lil Victoria Deguara ghal numru ta' snin;

Peress illi tali servigi kienu jikkonsistu 'inter alia;' da parti ta' l-attur Joseph Deguara fil-fatt illi huwa kien jiehu hsieb

ta' l-imsemmija Victoria Deguara, li tigi ohtu, fl-affarijiet kollha li hija kien ikollha bzonn, b'mod generali, u b'mod partikolari kien jiehu hsiebha u jindokra fid-diversi okkazjonijiet meta hija giet derubata, attakkata u mportunata, u da parti ta' l-attrici Maria Deguara, fil-fatt illi hija kienet regolarment tahsel il-hwejjeg ta' l-imsemmija defunta Victoria Deguara u ddur biha b'mod generali;

Peress illi l-konvenut huwa l-eredi universali tad-deceduta ommu Victoria Deguara;

Peress illi l-konvenut lanqas qatt kellem, inqas u inqas ha hsieb ta' ommu Victoria Deguara, lanqas qatt ma zarha lanqas meta din kienet rikoverata l-isptar fl-ahhar ta' hajjitha, u lanqas biss indenja ruhu jigi ghall-funeral taghha, liema funeral kien organizzat mill-attur Joseph Deguara illi ha hsieb ta' kollox hu;

Peress illi l-unika darba li l-konvenut ftakar li d-deceduta Victoria Deguara kienet ommu kien meta gie biex jiehu l-wirt;

Peress illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens dout lil l-atturi ghas-servizzi u servigi minnhom rezi lil l-imsemmija defunta Victoria Deguara, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Mejju, 2000 izda l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti -:

1. tiddikjara li l-atturi rrendew servizzi, servigi u pretensjonijiet lid-defenuta Victoria Deguara;

2. tillikwida l-kumpens dovut ghal l-istess servizzi rezi mill-atturi lil l-imsemmija defunta Victoria Deguara, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lil l-atturi dik is-somma ta' kumpens kif likwidata.

Bl-ispejjez kollha, nkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 2 ta’ Mejju, 2000 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol.3 tal-process.

Rat In**-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati filfatt u fid-dritt stante illi l-atturi ma pprestaw l-ebda servigi lid-defunta Victoria Deguara, stante li qabel l-ahhar marda taghha, hija kienet tghix dejjem ghal rasha fil-fond 48 gia 138, Triq il-Kappillan Magri, Mellieha u kienet b’sahhitha u kienet tista’ tiehu hsieb lilha nnifisha.

2. Illi l-atturi ma kienu jipprestaw l-ebda servigi lil l-attrici tant li c-cavetta tal-fond tar-residenza taghha kienet f’idejn il-gar taghha, certu Raymond, waqt li x-xoghol ta’ manutenzjoni fid-dar kien isir minn dan Raymond kunjomu mhux maghruf waqt li l-posta kienet tingabar mill-gar taghha iehor Emanuel Farrugia u dan meta ommu kienet tkun barra.

3. Illi l-atturi bl-ebda mod ma pprestaw servigi lil mejta Victoria Deguara imma b’mod frawdolenti, Joseph Deguara, l-attur, sarraf flus appartenenti lil Victoria Deguara ammontanti ghal Lm1,308.30 circa liema ammont ta’ cekkijiet issarfu minghajr prokura ta’ l-imsemmija Victoria Deguara u dan kif jirrizulta mid-Dok. A. u B. hawn annessi.

4. Illi l-konvenuti huma debituri ta’ l-attur fis-somma ta’ Lm1,308.30 ta’ flus li huma sarfu appartenenti lil mejta Victoria Deguara mic-cekkijiet tal-penzjoni li hija kellha u dan kif jista’ jigi pprovat minn rapprezentant tad-direttur tas-Servizzi Socjali, liema rifuzjoni ta’ flus qed tintalab b’kontro talba appozita ma’ din ic-citazzjoni;

5. Illi mid-Dok. A jirrizulta li Joseph Deguara effettivament sarraf dawk ic-cekkijiet tal-mejta ommu ammontanti ghal Lm1,308.30 pero' minn informazzjoni li ghandu l-konvenut, l-ammont ta' cekkijiet imsarrfa u mehuda minn Joseph Deguara jammonta ghal Lm25,000.00.

6. Illi fil fatt, huma l-konvenuti li huma debituri ta' l-attur u mhux vice versa stante li huma qatt ma pprestaw l-ebda servigi lil mejta Victoria Deguara, imma hadulha flusha tul iz-zmien li kienet rikoverata l-isptar Boffa, oltre il-fatt li naqset ukoll kaxxa tad-deheb mir-residenza taghha.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat i**l-Kontrotalba** tal-konvenut Noel Deguara ghat-talba ta' l-atturi Joseph u Maria konjugi Deguara li permezz taghha espona illi:

Peress illi l-mejta ommu Victoria Deguara mietet fis-26 ta' Novembru 1999 fl-isptar Boffa, Furjana, u halliet *ab intestato* bhala l-uniku eredi taghha lill-konvenut.

Peress illi jirrizulta illi xahar qabel il-mewt t'ommu u cioe' fis-26 ta' Ottubru 1999, l-attur Joseph Deguara b'mod abbuziv u illegali, sarraf cekkijiet dovuti lil ommu ammontanti ghal Lm1,308.30 u dan kif jirrizulta mir-rapprezentant tas-Servizzi Socjali.

Peress illi dawn il-flus appartenenti lil l-eredita' tal-mejta ommu Victoria Deguara ma gewx refuzi mill-atturi lil konvenut minkejja li gew diversi drabi mitluba biex jaghtu dan, pero' baqghu inadempjenti.

Jghidu l-atturi prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jirrifondu lil konvenut rikonvenzjonat is-somma ta' Lm1,308.80 oltre l-imghax legali mis-26 ta' Novembru 1999 ta' flus imsarrfa mill-attur Joseph Deguara b'mod abbuziv u llegali minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja tal-mejta ommu

Victoria Deguara rapprezentanti l-penzjoni ta’ l-istess mejta Victoria Deguara liema flus qatt ma gew moghtija lilha.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-atturi rikonvenzjonati ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonat a fol.16 tal-process.

Rat In-**nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi rikonvenzjonati** a fol. 21 tal-process fejn eccepew:

1. Preliminarjament, in-nullita’ tal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant stante illi dawn mhumiex konnessi mat-talbiet attrici bil-mod u sal-grad illi trid il-ligi.

2. Fil-mertu, il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija nfondata filfatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut rikonvenzjonant stante illi mhuwiex minnu illi l-attur rikonvenzjonant Joseph Deguara sarraf cekkijiet appartenenti lid-defunta ohtu Victoria Deguara b’mod abbuziv u illegali, izda ghall-kuntrarju kien sarraf tali cekkijiet bis-sahha ta’ prokuri validi rilaxxjati mill-istess defunta Victoria Deguara a favur ta’ l-attur rikonvenzjonant Joseph Deguara (vide Doks. ‘A u B’), u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u l-istess attur rikovenzjonant Joseph Deguara dejjem ghadda, u ta’ lid-defunta Victoria Deguara l-flus minnu msarrfa.

3. Illi fid-dikjarazzjoni tieghu, kemm dik formanti parti minn nota ta’ l-eccezzjonijiet u kif ukoll dik formanti parti mill-kontro-talba, il-konvenut rikonvenzjonant jaghmel insinwazzjonijiet u jivventila allegazzjonijiet intizi sabiex jaghtu malafama lill-atturi rikonvenzjonanti li minn issa qeghdin jirrizervaw kull dritt lilhom spettanti skond il-ligi sabiex jipprocedu kontra l-istess konvenut rikonvenzjonant bl-appozita kawza ghad-danni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari a fol 34 li biha l-Qorti cahdet l-eccezzjoni tan-nullita' tal-kontro-talba;

Rat in-noti tal-partijiet;

L-atturi harrku lill konvenut bhala werriet universali ta' Victoria Deguara biex ihallashom servigi li huma jippretendu li ghamlu meta daru bl-imsemmija Victoria Deguara li kienet omm il-konvenut u oht l-attur. Min-naha tieghu l-konvenut eccepixxa u ressaq kontrotalba biex l-atturi jirritornaw flus li hu qed isostni li huma hadu mill-penzjoni li kienet tircievi Victoria Deguara fiz-zmien meta kienet hajja.

**Ligi**

(1) L-azzjoni ghall-hlas tas-servigi hi bazata fuq il-kwazi-kuntratt (Kollez Vol XL11 pag. 923).

(2) Anke ghar-rigward tal-parenti illum hu applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jirrikorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw il-gratwita' siapure minhabba relazzjonijet ta' parentela (Kollez Vol XL11 pag. 923 u App Delicata vs Saliba 22/5/89).

(3) Il-*quantum* dovut, spiss irid jigi bazat fuq l-"*arbitrio boni viri*". (Vol XL111 pag. 66).

(4). Il-preskrizzjoni applikabbili ghas-servigi hi dik kwinkwennali taht l-artikolu 2261(f) tal-Kodici Civili.

**Kontestazzjoni**

Illi l-atturi jirritjenu li s-servigi li qed jitolbu kienu jikkonsistu fost ohrajn li da parti ta' l-attur Joseph Deguara fil-fatt illi huwa kien jiehu hsieb ta' Victoria Deguara, li tigi ohtu, fl-affarijiet kollha li hija kien ikollha bzonn, b'mod generali, u b'mod partikolari kien jiehu hsiebha u jindokraha fid-diversi okkazzjonijiet meta hija giet derubata, attakkata u

mportunata; u da parti ta' l-attrici Maria Deguara, fil fatt illi hija kienet regolarment tahsel il-hwejjeg ta' l-imsemmija defunta Victoria Deguara u ddur biha b'mod generali.

Il-konvenut qed jikkontendi li l-atturi ma pprestaw l-ebda servigi lill Victoria Deguara billi din kienet mara b'sahhitha u kienet tista' tiehu hsieb taghha nfisha. Fil-fatt kienu jiehdu hsiebha certu Raymond li kellu c-cavetta tad-dar taghha u Emanuel Farrugia li kien jigbrilha l-posta. Il-konvenut isostni li l-atturi ghandhom jaghtuh is-somma ta' Lm1,308.30 li l-atturi sarfu minghajr prokura ta' Victoria Deguara.

**Konsiderazzjonijiet**

Da parti ta' l-atturi ngabu provi li huma kienu jiehdu hsieb isewwu l-hsara li terzi persuni kienu jaghmlu lill Victoria Deguara fi hwejjiegha bhal meta rrangawlha l-bieb, bidlu c-cavetta u zebugh il-bieb. Dawn l-affarijiet damu ghaddejjin ghal bosta snin, sa mewtha. Meta Victoria Deguara kienet tmur l-isptar, l-atturi kienu jzuruha regolarment, jiehdu hsieb il-bzonnijiet taghha u jiehdulha l-ikel u l-attrici kienet anke tahslilha hwejjigha. Meta kienet tkun id-dar, l-attrici kienet tahsilha hwejjigha peress illi ma kienitx kapaci. Gieli kienet thitilha xi hwejjeg. Victoria Deguara gieli kienet tmur tiekol ghandhom jew meta kienet tkun id-dar kienu jibghatulha l-ikel id-dar. Kien hemm okkazzjonijiet meta raqdu ghandha wara li persuni kienu tawha fastidju u baqghu hemm biex jaghmlulha l-wens. L-attur xehed li anke kien thabtilha biex gabilha l-penzjoni. L-atturi kienu hadu hsieb il-funeral taghha.

Dwar servigi resi mill-atturi, l-konvenut ma jistax ighid x'kienu jaghmlu l-atturi ma' ommu billi huwa ma kienx jiehu hsieb ommu jew dar biha f'xi haga u lanqas jaf xi problemi kellha. Lanqas ma kien attenda l-funeral taghha. Hu qatt ma kien ikun id-dar t'ommu, hlief f'okkazzjoni wahda meta mar bl-invit tat-tieg. Mill-qbija jghid li ommu kienet tfendi ghal rasha waheda, c-cavetta tad-dar kienet tkun ghand certu Raymond, u l-posta kien jigborha Emanuel Farrugia. Jghid li ommu ma kienitx taqbel ma' l-attur u lanqas kienet tafdah f'certu affarijiet. Il-konvenut

jsemmi li kien talab lura flus u xi oggetti ta' ommu liz-ziju, l-attur, pero' dan kien qallu li m'ghandu xejn taghha.

Illi l-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-provi prodotti, hi tal-fehma li effettivament l-atturi rrendew is-servigi minnhom allegati lill-mejta Victoria Deguara. Huma ppruvaw li kienu jiehdu hsieb Victoria Deguara mentri da parti tal-konvenut kull ma qal hu li kien hemm persuni ohra li qed jiehdu hsiebha, li mhux esklus, ghalkemm wiehed jissuspetta x'tip ta' ghajnuna kienu qed jaghtuha. Dan pero' ma jfissirx li l-attur ma rrendewx servigi wkoll.

**Kontrotalba**

Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu kif ukoll fil-kontrotalba qed jallega lill-atturi ghandhom jaghtuh flus li gew imsarrfa mill-attur Joseph Deguara b'mod abbuziv u illegali minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja tal-mejta Victoria Deguara.

Mill-provi prodotti jirrizulta li Victoria Deguara kienet tircievi penzjoni tax-xjuh u penzjoni kontributorja. Din il-penzjoni kienet tircevieha bil-posta, li kien jigborha Emnauel Farrugia li kien joqghod fejn Deguara. Kienu akkumulaw numru ta' *cheques* li dan Farrugia kien intalab jiehu l-Isptar Boffa fejn kienet rikoverata Deguara. Dan ghamlu fil-25 ta' Ottubru 1999. L-ghada kienet saret prokura favur Joseph Deguara minn Victoria Deguara li kien sarfilha c-*cheques*. Joseph Deguara xehed li ohtu kienet ghamlitlu din il-prokura u kien sarrafhom u l-flus tahomlha l-Isptar u ma zamm xejn ghalih. Hu jghid li ma jafx x'sar minnhom dawn il-flus anzi jzid jghid li meta kien mar biex ikeffinha u jigbor l-affarijiet taghha, dawn il-flus ma nstabux u lanqas l-imsielet tad-deheb li kellha fuqa. Hu cahad li ha xi flus t'ohtu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ma ghamel xejn b'mod abbusiv jew illegalment jew minghajr awtorizzazzjoni. Anzi jirrizulta li kellu l-prokura ta' ohtu u meta sarraf ic-*cheque*, hu ghaddha l-flus lilha. Hu l-

konvenut li jrid jipprova l-kontrotalba tieghu u f'dan il-kaz dina l-prova ma saritx.

Ghalhekk kemm l-eccezzjoni f'dan is-sens, kif ukoll il-kontrotalba qed jigu michuda.

**Likwidazzjoni tal-kumpens**

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, gurisprudenza stabbiliet tlett kriterji li ghandhom jigu addottati sabiex jigi likwidat tali kumpens: (i) il-frekwenza u x-xorta ta' servigi, (ii) il-mezzi tal-konvenuta u (iii) il-parentela ta' min jirrendi s-servigi ma' min juzufruwixxi mill-istess servigi (ara Vassallo vs Aquilina – Prim Awla 29 ta' Gunju, 1982, Cutajar vs Vella – Prim Awla 6 ta' April, 1982, u Buhagiar vs Mifsud – Prim Awla 1 ta' Frar, 1983).

Illi fil-kaz in ezami minn dak li xehdu l-atturi jidher li s-servigi rezi kienu ta' certa konsistenza u ma kienux negligibbli.

Illi dwar il-mezzi tal-konvenut u x'kellha jew x'halliet fil-fatt Victoria Deguara l-provi huma skarni u ma jidhirx li din kellha xi mezzi sostanzjali ghalhekk il-Qorti dwar l-*quantum* dovut se tiddeciedi "*arbitrio boni viri*".

Dwar il-parentela ta' min jirrendi s-servigi ma' min juzufruwixxi mill-istess servigi, jirrizulta li Victoria Deguara kienet oht l-attur, u ghalhekk irid ikun temperament fil-kwantum.

F'dan il-kaz il-Qorti qed tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' Lm1,000.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjonijiet u l-kontrotalba tal-konvenut
Tilqa' t-talbiet attrici billi

tiddikjara li l-atturi rrendew servizzi, servigi u prestazzjonijiet lid-defenuta Victoria Deguara;
tillikwida l-kumpens dovut ghal l-istess servizzi rezi mill-atturi lil l-imsemmija defunta Victoria Deguara, fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000);
tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi dik is-somma ta' kumpens hekk likwidata.
Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------